



IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI U L-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UNJONI EWROPEA

L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kontroll baġitarju hija bbażata fuq żewġ prinċipji: l-iżgurar li l-baġit tal-UE jintefaġ kif suppost, u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni flimkien mal-ġlieda kontra l-frodi.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

- L-Artikoli 287 u 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
- Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, it- Titolu IX, il-Kapitolu 1 u 2, u t-Titolu X;
- Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, it-Tielet Parti;
- Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, Titolu II, Kapitolu 6, Artikoli 92a, 93 u 94; Titolu V, il-Kapitolu 1, l-Artikolu 121, il-Kapitolu 2, l-Artikolu 125 u l-Kapitolu 4, l-Artikolu 132; l-Anness IV;
- l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- UPPE: l-Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

L-OBJETTIVI

Sabiex iċ-ċittadini jkunu kunfidenti li flushom qed jintużaw kif suppost, l-Unjoni Ewropea teħtieġ tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha. Huwa importanti wkoll li timmonitorja u tissorvelja l-ħidma tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li tappoġġja l-azzjoni tiegħu fil-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

SFOND

F'Diċembru 1995, il-Parlament eżerċita għall-ewwel darba d-dritt tiegħu fl-ambitu tat-Trattat biex jistabbilixxi Kumitat ta' Inkjesta, li rrapporta dwar allegazzjonijiet ta'



frodi u ta' amministrazzjoni ħażina skont il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta ntlaggħu b'approvazzjoni ġenerali.

F'dawn l-aħħar snin kiber l-għadd ta' testi leġiżlattivi u rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dawn it-testi essenzjalment għandhom l-għan li jiksbu l-għanijiet li ġejjin:

- Itejbu l-governanza tal-OLAF u jsaħħu s-salvagwardji proċedurali fl-investigazzjonijiet – billi gradwalment jistabbilixxu Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);
- Jirrifirmaw il-Eurojust^[1] u jtejbu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- Jiggarantixxu l-protezzjoni ta' dawn l-interessi permezz tal-liġi kriminali u l-investigazzjonijiet amministrattivi, permezz ta' politika integrata għall-ħarsien tal-flus tal-kontribwenti u permezz tal-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi^[2].

FI-2012 u fl-2013 ġew ippubblikati wkoll komunikazzjonijiet importanti:

- "Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa"^[3] f'Diċembru 2012;
- "Protezzjoni tal-baġit Ewropew sa tmiem l-2012"^[4] f'Settembru 2013;
- "Applikazzjoni għal korrezzjonijiet finanzjarji netti fuq l-Istati Membri għall-Politika tal-Agricoltura u l-Koeżjoni", f'Diċembru 2013^[5].

FI-2013 ġew adottati wkoll żewġ direttivi:

- Dwar is-sistema komuni tal-VAT dwar applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fir-rigward ta' fornimenti ta' ċerti prodotti u servizzi li jistgħu ikunu suġġetti għal frodi; u
- Dwar Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT^[6].

Testi oħra importanti jinkludu:

- Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali^[7];
- Ir-Rapport tal-Kummissjoni — Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni^[8];
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2016 dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT^[9].

Aktar riċenti, fir-rebbiegħa tal-2018 u fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (2021-2027), il-Kummissjoni adottat proposta għal programm ġdid tal-UE kontra l-frodi, li huwa essenzjalment imfassal biex jirreplika u jtejjeb il-programm Hercule III

[1][COM\(2013\)0532](#) u [COM\(2013\)0533](#) tas-17 ta' Lulju 2013.

[2][COM\(2011\)0293](#) tas-26 ta' Mejju 2011 u [COM\(2011\)0376](#) tal-24 ta' Ġunju 2011.

[3][COM\(2012\)0722](#) tas-6 ta' Diċembru 2012.

[4]COM(2013)0682 ta' Settembru 2013.

[5]COM(2013)0934 tat-13 ta' Diċembru 2013.

[6]Id-Direttivi 2013/43 u 2013/42 tat-22 ta' Lulju 2013 (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 4; ĠU L 201, 26.7.2013, p. 1).

[7][COM\(2012\)0363](#) tal-11 ta' Lulju 2012.

[8]COM(2014)0038 tat-3 ta' Frar 2014.

[9][COM\(2016\)0148](#) tas-7 ta' April 2016.



(2014-2020) u jgħaqqu mas-Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS) u mas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), li t-tnejn li huma huma diġà ġestiti mill-OLAF.

A. Miżuri kontra l-frodi mill-OLAF

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu l-kompitu li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi b'mod indipendenti mill-Kummissjoni. Bħala segwitu għar-regolamenti dwar l-investigazzjonijiet tal-OLAF, fil-25 ta' Mejju 1999, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ffirmaw ftehim interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni. Dan il-ftehim jistipula li kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi regoli interni komuni sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-OLAF jitwettqu bla xkiel. Uħud minn dawn ir-regoli, li issa huma integrati fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jirrikjedu li l-persunal jikkoopera mal-OLAF, u jipprovdi grad ta' protezzjoni għall-uffiċjali li jikxfu informazzjoni rigward il-possibbiltà ta' frodi jew korruzzjoni. Riforma tal-OLAF kienet ilha tiġi diskussa mill-2003. Fl-aħħar nett, wara madwar għaxar snin ta' diskussjonijiet u negozjati, il-partijiet ikkonċernati li kienu qed jieħdu sehem fit-trilogu (il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni) laħqu kompromess b'titjib sinifikanti li jagħmel lill-OLAF effikaċi, effiċjenti u responsabbli, filwaqt li jħares l-indipendenza tiegħu f'dak li jirrigwarda l-investigazzjonijiet.

F'Novembru 2008, il-Parlament, b'maġġoranza kbira, adotta r-rapport Gräßle. Dan ir-rapport emenda sostanzjalment il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, li sussegwentement wasslet għall-adozzjoni tar-regolament attwali^[10] fl-2013, li ġie emendat f'Lulju 2016.

It-test il-ġdid fih elementi ta' titjib sostanzjali, b'mod partikolari billi jipprovdi definizzjoni aktar ċara tal-qafas ġuridiku għall-investigazzjonijiet kontra l-frodi. Jinkludi wkoll definizzjonijiet ta' "irregolaritajiet", "frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra suspettata li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni", u l-kunċett ta' "operatur ekonomiku". Ir-regolament jinkludi wkoll referenzi ċari għal miżuri investigattivi speċifiċi li jinsabu f'regolamenti oħra tal-UE (biex b'hekk jittejjeb il-koordinament bejn l-istrumenti ġuridiċi fil-qasam ikkonċernat), kif ukoll ir-referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Matul l-investigazzjonijiet tal-OLAF id-drittijiet li ġejjin huma wkoll protetti fl-ambitu tar-regolament: id-dritt għad-difiża u l-garanziji proċedurali tal-persuni kkonċernati minn investigazzjoni tal-OLAF, id-drittijiet tax-xhieda u tal-informaturi, u d-dritt ta' aċċess għal rekords u dokumentazzjoni rilevanti oħra.

Barra minn hekk, hemm dispożizzjonijiet dwar rekwiżiti speċifiċi għall-Istati Membri, bħar-rekwiżit li tiġi kondiviża informazzjoni rilevanti mal-OLAF f'każijiet ta' frodi li jikkonċernaw fondi tal-UE.

Fl-aħħar nett, twaqqfet proċedura interistituzzjonali ġdida li tippermetti lill-istituzzjonijiet kollha jorganizzaw diskussjonijiet trasparenti dwar l-aħjar prattiki, riżultati u kwistjonijiet pendent li huma ta' ħsara għall-effikaċja tal-operazzjonijiet kontra l-frodi. Dan ifisser li għall-ewwel darba, il-Parlament jista' jiddiskuti mal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi fl-Istati Membri.

[10]r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) tal-11 ta' Settembru 2013.



Il-Parlament talab ukoll li jkun hemm titjib fil-governanza tal-OLAF billi titkompla r-reviżjoni u ssir konsolidazzjoni tal-proċessi investigattivi ewlenin tiegħu.

Ninnutaw li l-Artikolu 325 tat-TFUE jirrikjedi kollaborazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u jippermetti wkoll li l-Kunsill jieħu miżuri speċifiċi sabiex l-interessi finanzjarji tal-UE fl-Istati Membri jingħataw protezzjoni effettiva u ekwivalenti.

B. It-tiżni tal-mekkaniżmi tal-ġlieda kontra l-frodi

Fuq talba tal-Parlament, il-Kummissjoni adottat inizjattivi importanti dwar miżuri strateġiċi kontra l-frodi. Madankollu, fid-dawl tal-iskala tal-frodi, tal-evazzjoni tat-taxxa u tal-korruzzjoni fl-UE, il-Parlament appella għal approċċ integrat li jinkludi strateġiji għall-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni permezz ta' miżuri ġuridiċi effikaċi fl-Unjoni kollha, speċjalment fi żmien ta' limitazzjonijiet baġitarji.

Il-Parlament appoġġja wkoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa^[11] u l-evazzjoni tat-taxxa, filwaqt li jqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħtu prijorità assoluta lil din il-ġlieda. Dan ikun jinvolvi l-iżvilupp ta' strateġija għal kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba u multidimensjonali bejn l-Istati Membri nnifishom, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ fit-tranżitu doganali — dan tal-aħħar għadu wieħed mill-oqsma li għandhom affettwati mill-ogħla rati ta' korruzzjoni sistemika fl-Ewropa. Fl-aħħar nett, il-Parlament huwa tal-fehma li l-partijiet ikkonċernati Ewropej ewlenin għandhom ikunu aktar attivi fil-livell internazzjonali u għandhom jaħdmu biex jistabbilixxu standards ta' kooperazzjoni bbażati prinċipalment fuq il-prinċipji ta' trasparenza, governanza tajba u skambju ta' informazzjoni.

Il-Parlament issottolinja wkoll li trasparenza akbar tippermetti skrutinju xieraq, u għalhekk hija essenzjali biex tinkixef il-frodi. Fil-passat, ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura trasparenza totali għall-benefiċjarji kollha tal-fondi tal-UE fl-Istati Membri kollha billi tippubblica fuq is-sit web tagħha lista tal-benefiċjarji kollha. Stieden ukoll lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni u jipprovdu informazzjoni kompluta u affidabbli dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE li jiġġestixxu.

C. Politika u programmi ġodda Ewropej kontra l-frodi

Il-Parlament huwa tal-fehma li peress li l-korruzzjoni għandha impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE, għandha titqies li hija frodi għall-finijiet tal-Artikolu 325(5) tat-TFUE, u għandha tiġi inkluża fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi.

Kmieni fl-2019, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri enfasizzat li l-UE trid iżżid il-ġlieda tagħha kontra l-frodi u li l-Kummissjoni għandha tieħu rwol ewlieni f'dan ir-rigward u tikkunsidra mill-ġdid ir-rwol u r-responsabbiltà tal-uffiċċju tagħha ta' kontra l-frodi.

F'April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat strateġija ġdida mmirata lejn konsistenza mtejba u koordinazzjoni aħjar fil-ġlieda kontra l-frodi fost id-dipartimenti varji tal-Kummissjoni. Fis-snin li ġejjin, din l-istrateġija għandha wkoll twitti t-triq għal miżuri

[11] Il-frodi hija mġiba irregolari volontarja li tista' tikkostitwixxi reat kriminali, filwaqt li l-irregolarità hija nuqqas ta' konformità ma' regola.



kontra l-frodi mmexxija aktar mid-data. L-istrateġija tikkomplementa "l-Pakkett ta' Governanza" tal-Kummissjoni, li ġie adottat f'Novembru 2018 u jindika lill-OLAF b'ħala s-servizz ewlieni fid-disinn u l-iżvilupp ta' politika Ewropea kontra l-frodi.

Il-Parlament laqa' l-prijoritajiet ġodda ta' din l-istrateġija, b'hat-titjib fil-fehim tax-xejriet tal-frodi, il-profili tal-frodisti u l-vulnerabbiltajiet sistemiċi relatati mal-frodi li jaffettwaw il-baġit tal-UE.

D. Id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

L-Istati Membri ntalbu jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali trasposta fil-liġijiet nazzjonali tagħhom ("id-Direttiva PIF") sas-6 ta' Lulju 2019. Ir-regoli l-ġodda jżidu l-livell ta' protezzjoni tal-baġit tal-UE billi jarmonizzaw id-definizzjonijiet, is-sanzjonijiet u l-perjodi ta' limitazzjoni ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Id-Direttiva mhux biss hija strument essenzjali għall-armonizzazzjoni tal-liġi kriminali tal-Istati Membri dwar reati kontra l-baġit tal-Unjoni, iżda tistabilixxi wkoll il-pedamenti għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew futur, li se jinvestiga, iħarrek u jressaq quddiem il-ġustizzja atti kriminali kontra l-baġit tal-UE.

E. L-istabiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Ir-regoli dwar l-istabiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huma dettaljati fl-Artikolu 86 tat-TFUE, li jiddikjara li: "[S]abiex jiġġieled ir-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali, jista' jistabilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust."

Ir-Regolament li jistabilixxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ġie adottat fl-ambitu tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa fit-12 ta' Ottubru 2017, u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017. B'ħalissa hemm 22 pajjiż parteċipant. L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew se jkun uffiċċju ta' prosekuzzjoni deċentralizzata tal-Unjoni Ewropea b'kompetenza esklussiva għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi tar-reati kontra l-baġit tal-UE. Se jkollu setgħat investigattivi armonizzati fl-Unjoni kollha abbażi tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali li fihom huwa jkun integrat.

B'ħalissa qed jitwaqqaf l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u l-għan huwa li jsir operattiv fi tmiem l-2020. Is-sede tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew se jkun fil-Lussemburgu.

ĦATRA TAL-EWWEL KAP PROSEKUTUR EWROPEW

F'Settembru 2019, il-Parlament u l-Kunsill qablu li jaħtru lis-Sa Laura Codruta Kövesi b'ħala l-ewwel Kap Prosekutur Ewropew. Hija se jkollha mandat ta' seba' snin li ma jiġġeddidx.



IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jisma' lill-membri nominati tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lil dawk li jkunu ntgħażlu bħala kandidati għall-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-OLAF. Dawn il-karigi ma jistgħux jimtlew mingħajr dawn is-seduti ta' smiġħ parlamentari.

Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF jinħatar mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni tal-Parlament u l-Kunsill, filwaqt li l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF jinħatru bi qbil bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Alexandre Mathis
06/2020

